# Città Ferdinand 200 sena belt

Din is-sena jaħbat it-tieni ċentinarju minn meta s-Siġġiewi ġie mgħolli għad-dinjità ta' belt mill-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch. Għal din l-okkażjoni l-Posta ta' Malta fuq disinn ta' Richard A. Caruana ħarġet bolla kommemorattiva tas-16-il ċenteżmu. Jidher li l-bolla ntgħoġbot u ntlaqgħet tajjeb mill-kollezzjonisti kemm Maltin kemm barranin.

Bħalma għadu jsir sal-lum, tista' tgħid ta' kull sena għall-festa tal-qaddis patrun, fl-imgħoddi wkoll, ħafna rħula u bliet Maltin kienu jistiednu lil xi persuna magħrufa, anke biex b'hekk iħajru aktar nies għall-festa. Fis-6 ta' Diċembru 1797 is-Siġġiwin laqgħu fosthom lill-Gran Mastru ta' dak iż-żmien, Ferdinand Hompesch, li diġà f'okkażjonijiet simili kien żar Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun.

Is-Siġġiwin ma baqgħux lura, laqgħuh mill-aħjar li setgħu imbagħad ippreżentawlu t-talba tagħhom biex is-Siġġiewi wkoll isir belt bħalma Pinto u De Rohan kienu għamlu għal Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ. F'dawk iż-żminijiet fis-Siġġiewi kien sar ħafna żvilupp; kienu nbnew mill-ġdid ħafna mill-kappelli tagħna (San Ġwann, Ta' Ċwerra, tal-Fawwara, eċċ.). Qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża (1789) fil-Mediterran kien hawn ċerta stabilità anke minħabba li l-imperu Tork ma kienx għadu ta' theddida għall-kummerċ ta' l-artijiet insara. Xi familji nobbi, fosthom ta' Trapani u ta' Bologna kif ukoll is-segretarju tas-sagra Inwiżizzjoni, għażlu s-Siġġiewi biex jibnu hawn residenza tas-sajf għalihom waqt li xi kavallieri kellhom ukoll il-post tagħhom fil-kampanja ta' madwarna fejn kienu jiġu jqattgħu xi jiem fi żmien il-kaċċa. Ħafna minnhom kienu maħbubin

(ikompli paġna 25)



*Il-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch*

mis-Siġġiwin peress li niesna kienu b'xi mod igawdu magħhom.

Ferdinand Hompesch ukoll kien bniedem miġjub u maħbub ħafna. Kien jaf jitkellem bil-Malti sew għax kien ilu jgħix hawn Malta sa minn meta kien għadu żagħżugħ. Fis-17 ta' Lulju 1797 hekk kif in-nies saret taf li Hompesch ġie magħżul Gran Mastru min seta' rħielha lejn il-Belt. Infatti Misraħ San Ġwann kien maħnuq bin-nies tant li l-Gran Mastru l-ġdid bl-għagħa u l-entużjażmu li kien hemm ħareġ tliet darbiet fil-gallerija tal-konkatidral fost iċ-ċapċip tan-nies preżenti. Bħalma kienet id-drawwa dak iż-żmien, hu xeħtilhom xi muniti u qassam flejjes kbar kemm lin-nies ta' madwaru kif ukoll lill-kunventi. Kien meqjus bniedem qalbu tajba u n-nies tant kienu jħobbuh li meta xi jiem wara tela' l-Imdina, it-toroq kienu maħnuqin bin-nies li laqgħuh ferm 'il bogħod mill-bieb tal-belt il-qadima.

Nistgħu naħsbu għalhekk kemm żejnu u ħejjew bnadar is-Siġġiwin meta madwar ħames xhur wara ġriet il-kelma li kellu jkun fosthom għall-festa. Is-soltu meta kien jiġi hawn l-isqof għal viżta pastorali kienu joħorġu jilqgħuh f'tarf ir-raħal fi Triq il-Kbira lejn Ħarramija għax dak iż-żmien dik kienet it-triq għall-belt Valletta. Hemm kienu wkoll jillestu bħal daħla, jew arkata trijonfali, bl-injam, il-liedna u l-weraq tal-palm. U bla dubju ta' xejn hekk għamlu dak in-nhar għall-Gran Mastru.

Minkejja li f'inqas minn sena, mal-wasla ta' Napuljun, Hompesch u l-kavallieri kellhom iħallu Malta għal dejjem, is-Siġġiwin bħall-kotra tal-Maltin laħqu ħabbewh għax kienu poġġew fih it-tama tagħhom għal ħakma aħjar. Infatti ħafna tqabdu b'ruħhom u b'ġisimhom biex ma jħallux lill-Franċiżi jirfsu l-art. U s-Siġġiwin meta mbagħad fit-2 ta' Settembru 1798 qamet ir-rewwixta kontra l-Franċiżi ma naqsux li juru l-għadab tagħhom kontra min f'qasir żmien kien ċaħħadhom minn bosta drittijiet u tellifhom it-titlu ta' belt li kienu għadhom kemm akkwistaw.

Jidher għalhekk li kienet mossa għaqlija u ta' min ifaħħarha li issa dat-titlu reġa' ngħatalna lura u li saħansitra ħarġet ukoll bolla kommemorattiva.

**Dr N. Vassallo D.Litt**


**GLEN** The Magician

*For Any Type of Children's Parties*

Tel: 455694